**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 621/2023 MS*

**L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**

**Vs.**

**Robert Attard**

Illum, 13 ta' Marzu, 2025

Kawża Numru:

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-Aġenzija attriċi fil-21 ta' Ġunju 2023 li permezz tiegħu, wara li hija ppremettiet hekk:

Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża

L-Aġenzija għall-Pagament Agrikoli u Rurali (aktar 'il quddiem "ARPA") hija entità pubblika li fost il-

mansjonijiet tagħha għandha l-ġestjoni tal-pagamenti skond miżuri u skemi ta' għajnuniet lill-operaturi fis-settur agrikolu, liema pagamenti jsiru minn fondi tal-Unjoni Ewropea (aktar 'il quddiem "UE") u li jiġu ġestiti skond in-normativa applikabbli tal-UE;

B'applikazzjoni datata 16 ta' Ottubru 2018, l-intimat applika għall-għajnuna skond il-*Measure 6.1 – Business Start-up Aid for Young Farmers* mal-*Managing Authority (EAFRD)* (ara **DOK. A**);

Fl-applikazzjoni su riferita, jingħad testwalment li ġej, kif maqbul mill-intimat:

*"I confirm that should the applicant benefit from a grant under this Measure, the applicant as beneficiary, must complete the business plan in accordance with the terms and conditions stipulated in the Grant Agreement and in line with the business plan proposal submitted. Should the beneficiary fail to do so, the beneficiary will not receive the grant and, if the beneficiary would have already received any payments (first tranche of 80 %) from the grant, the beneficiary would have to reimburse (part of or all ) the funds received and interest charges may be applicable."* (ara paġna enumerata 37 f'**DOK. A**)

B'ittra datata 24 ta' April 2019, iffirmata mill-allura kap tal-"EAFRD Managing Authority" Raphael Scerri, l-intimat ġie informat li l-applikazzjoni tiegħu su riferita ġiet milqugħha u fost l-oħrajn hu (i) kellu jsegwi l-*"Guidelines on the Submission of Payment Claims related to Investment Measures"* magħmula mill-aġenzija rikorrenti u (ii) kien se jkun ikkuntattjat biex jiġi konkluż il-*"grant agreement"* (ara **DOK. B**);

L-intimat imbagħad daħal fi ftehim fuq skittura privata mal-Awtorità ta' Ġestjoni, ossia s-su riferita *Managing Authority*, liema kuntratt iġib in-numru 20895/205147/2019 u huwa datat 17 ta' Lulju 2019 (kopja tiegħu annessa u mmarkata **DOK. Ċ**, filwaqt li qiegħed jiġu wkoll anness u mmarkat dokument immarkat **DOK. D** li huwa deskrizzjoni qasira tal-proġett rilevanti għall-kuntratt);

Kif jidher minn **DOK. Ċ** u **DOK. D**. *inter alia* l-intimat kellu diversi obbligi sabiex jibbenefika skond il-kuntratt u r-reġim legali applikabbli għalih, iżda biex dan iseħħ kienu meħtieġa kontrolli minn uffiċjali kompetenti sabiex jivverifikaw li l-proġett ikun qiegħed implimentat skond l-obbligi assunti mill-intimat, iżda kif għad jiġi muri tul it-

trattazzjoni tal-kawża l-intimat żamm ruħu inaċċessibbli u l-istess kontrolli ma setgħux iseħħu;

B'referenza għad-dokumenti annessi u mmarkati **DOK. E1 sa E9** dawn jinkludu rapport intern (DOK. E1 sa E5) flimkien mal-annessi tiegħu konsistenti f'korrispondenza lill-intimat u dokument dwar il-konsenja tal-istess lill-intimat li finalment tirriżulta li ngħabrat minnu (DOK. E9), iżda kif għad jirriżulta tul it-trattazzjoni tal-kawża l-intimat baqa' inadempjenti lejn l-obbligi assunti minnu;

Skond ir-rapport intern tal-aġenzija esponenti (DOK. E1 sa E5), ġie deċiż li minħabba nuqqasijiet u vjolazzjonijiet kuntrattwali tal-intimat, kien meħtieġ li jinġabru l-ammonti kollha mogħtija lill-intimat mill-aġenzija esponenti skond il-kuntratt su riferit, cioè l-ammont komplessiv ta' sitta u ħamsin elf ewro (€56,000), salvi l-interessi. Fl-istess rapport intern issir referenza għall-korrispondenza mill-Awtorità ta' Ġestjoni lill-intimat li fiha indikat li l-obbligi kuntrattwali tal-intimat ma ġewx rispettati u ġie suġġerit li jitlob estensjoni tat-terminu kuntrattwali, xi ħaġa li kif jidher l-intimat m'għamilx;

Fil-15 ta' Ottubru 2021 l-aġenzija esponenti kitbet lill-intimat sabiex titolbu jindika kif huwa kien adempjenti fir-rispett tal-obbligi assunti minnu, u fin-nuqqas indikatlu li hija tkun intenzjonata tiġbor mingħandu l-ammont su riferit ta' ħamsa u sittin elf ewro (€56,000) , u għaldaqstant l-intimat ġie mistieden li jew jaċċetta bil-miktub id-debitu fir-rigward jew jidħol fi proċedura ta' oġġezzjoni mal-aġenzija esponenti, liema proċedura hija waħda amministrattiva intiża sabiex tagħti lill-benefiċjarju l-opportunità jgħid lill-aġenzija esponenti għalfejn dik l-intenzjoni tal-aġenzija esponenti ma kellix tkun kristallizzata u definita kontrih kif indikat mill-aġenzija esponenti (ara **DOK. F1 sa F15** kif hawn anness u mmarkat);

Affaċċata b'silenzju totali mill-intimat, l-aġenzija esponenti proċediet biex tippreżenta ittra uffiċjali fir-reġistru ta' Din l-Onorabbli Qorti, enumerata 118/2022, li ġiet segwita minn skambju bejn il-partijiet (ara **DOK. G1 sa G6** kif hawn anness u mmarkat) iżda l-intimat la aċċetta d-dejn tiegħu, la oġġezzjona għalih mal-aġenzija esponenti, u finalment baqa' inadempjenti fir-rigward tal-obbligi assunti minnu u quddiem it-talbiet imressqa kontrih mill-aġenzija esponenti;

Allura, l-intimat kif debitament interpellat ripetutament baqa' inadempjenti lejn l-aġenzija esponenti;

L-esponenti Louisa Formosa (K.I. Nru. 0037476M), fil-kapaċitajiet tagħha kif fuq miġjubin, tiddikjara li taf b'dawn il-fatti personalment.

Raġuni tat-Talba

Għaldaqstant kellha ssir din il-kawża.

l-istess Aġenzija attriċi għaddiet biex titlob lil din il-Qorti, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna, jogħġobha:

1. Tikkonferma u tiddikjara li l-intimat naqas mill-obbligi kuntrattwali tiegħu ai termini tal-kuntratt li jġib in-numru 20895/205147/2019 (**DOK. Ċ** ma' dan ir-rikors ġuramentat);

2. Konsegwentement għall-ewwel tajba, tiddikjara l-intimat debitur versu l-aġenzija esponenti tas-somma ta' sitta u ħamsin elf ewro (€56,000), bl-interessi applikabbli skond il-liġi; u

3. Tordna u tikkundanna lill-intimat iħallas lill-aġenzija esponenti l-ammonti kollha dovuti lilha kif dikjarat u skond il-liġi, u cioè l-ammont ta' sitta u ħamsin elf ewro (€56,000) jew somma verjuri, u dan flimkien mal-imgħax dekorribbli skond il-liġi sad-data tal-effettiv pagament għas-saldu.

   Bl-imgħax kif mitlub sad-data tal-effettiv pagament għas-saldu, u bl-ispejjeż, inkluzi dawk tal-ittra uffiċjali enumerata 118/2022 u tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontestwalment ma' dan ir-rikors, kontra l-konvenut 'lli huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

2. Rat illi l-konvenut, għalkemm ġie debitament notifikat bil-mezz tal-proċedura tal-pubblikazzjoni u tal-affissjoni, ma weġibx u għalhekk ġie kontumaċi;

3. Rat id-dokumenti u l-affidavits eżebiti mill-Aġenzija attriċi, flimkien mal-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

4. Rat li l-konvenut ma ressaqx sottomissjonijiet bil-miktub, minkejja li ngħata l-opportunità;

5. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

6. Illi din hija azzjoni mressqa mill-Aġenzija attriċi għar-rifużjoni ta' flejjes li l-konvenut irċieva mingħandha b'rabta ma' benefiċċji li huwa ingħata fuq applikazzjoni tiegħu stess, wara li huwa ma żammx mal-kondizzjonijiet li taħthom ingħata dawk il-benefiċċji.

7. Irriżulta illi b'applikazzjoni li ġiet datata 16 t'Ottubru 2018[1], il-konvenut applika taħt il-miżura 6.1 intitolata «Business Start-Up Aid for Young Farmers»[2]. Fl-applikazzjoni l-konvenut niżżel li huwa kien bidwi żagħżugħ li kien sejjer jistabbilixxi l-attività tiegħu għal rasu fis-settur tal-bhejjem. Huwa indika li kien beħsiebu jieħu f'idejh *dairy farm* li huwa kien ilu jamministra għall-ġenituri tiegħu minn April 2018. Huwa ddikjara wkoll l-investiment li kien beħsiebu jagħmel f'dan ir-razzett, u spjegah f'dettall fuq l-istess applikazzjoni. Intwera li bi skrittura tal-10 ta' Diċembru 2018, il-konvenut daħal fi ftehim mal-ġenituri tiegħu li bih huma ftehmu li jikrulu r-razzett tagħhom, kemm-il darba jikseb il-fondi li kien sejjer japplika għalihom[3].

8. Fuq l-applikazzjoni, il-konvenut iddikjara li l-proġett li dwaru kien qed iressaq l-applikazzjoni tiegħu kien sejjer ilestih f'erbgħa u għoxrin xahar. Ma' din id-dikjarazzjoni, l-konvenut però żied illi «*The implementation of this business plan shall commence within nine (9) months from the signing of the grant agreement and shall be completed within four (4) years of the signing of the grant agreement*»[4]. Ġie ddikjarat ukoll li l-konvenut kellu l-permessi kollha neċessarji kif ukoll kull sejħa għal offerti, *cost benefit analysis* u kull dokument ieħor meħtieġ sabiex minnufih jibda jaħdem fuq il-proġett kemm-il darba jintgħażel[5]. Kif jingħad fir-rikors ġuramentat, il-konvenut iddikjara, fost ħwejjeġ oħra, illi:

> I confirm that should the applicant benefit from a grant under this Measure, the applicant as beneficiary, must complete the business plan in accordance with the terms and

[1] Fol.8.
[2] Ara wkoll ix-xiehda bl-affidavit ta' Paola Azzopardi, a fol.149.
[3] Fol.183.
[4] Fol.23.
[5] Fol.32.

> conditions stipulated in the Grant Agreement and in line with the business plan proposal submitted. Should the beneficiary fail to do so, the beneficiary will not receive the grant and, if the beneficiary would have already received any payments (first tranche of 80 %) from the grant, the beneficiary would have to reimburse (part of or all ) the funds received and interest charges may be applicable.[6]

9. B'ittra tal-24 t'April 2019[7], il-konvenut ġie nfurmat mill-Aġenzija attriċi illi l-applikazzjoni tiegħu kienet intgħażlet, u li kellu jirċievi mingħandha sabiex jiġi ffirmat kuntratt dwar il-benefiċċju li kien sejjer jingħata. Dan il-kuntratt ġie ffirmat fis-17 ta' Lulju 2019[8]. Fost il-pattijiet u l-kondizzjonijiet miftehma bejn l-Aġenzija attriċi u l-konvenut, tniżżel li l-għotja li kienet se tingħata lill-konvenut kienet tammonta għal sebgħin elf Ewro (€70,000) u li l-perijodu ta' implimentazzjoni tal-proġett kellu jkun tlieta u għoxrin xahar mill-iffirmar tal-kuntratt[9]. Ġie miftiehem ukoll illi:

> F'każ ta' nuqqasijiet fi kwalunkwe mill-obbligi tiegħu assunti bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, il-Benefiċjarju għandu immedjatament jitlef id-drittijiet kollha li joħorġu minn dan il-Ftehim, u għandu jħallas lura lill-ARPA sa l-ammont totali tal-Għotja rċevuta sa dakinhar bis-saħħa tal-Proġett.
>
> Imgħax jista' jakkumula favur l-ARPA bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-ammont dovut imsemmi sakemm l-Għotja tiġi rimborsata kollha.

10. Aktar 'il quddiem fl-istess klawsola kuntrattwali, jingħad li l-Aġenzija attriċi tista' «*tiddeċiedi li ttemm il-ftehim, mingħajr ebda indennizz min-naħa tagħha, fiċ-ċirkostanzi li ġejjin: ... ii. Jekk il-Benefiċċjarju jonqos milli jwettaq, kemm b'nuqqas tiegħu kif ukoll minħabba kwalunkwe ċirkostanza esterna għalih, obbligu sostanzjali li għalih huwa responsabbli skont it-termini tal-ftehim, inklużi l-annessi tiegħu*»[10].

11. Bis-saħħa ta' dan il-kuntratt, il-konvenut irċieva ħlas bil-quddiem ta' parti mill-benefiċċju, ammontanti għas-somma ta' sitta u ħamsin elf Ewro (€56,000)[11].

---

[6] Fol.44.
[7] Fol.49.
[8] Fol.50.
[9] Fol.57.
[10] Fol.64.
[11] Fol.186-187, u ara x-xiehda bl-affidavit ta' Paola Azzopardi, a fol.150.

12. L-Aġenzija attriċi tgħid li l-kuntratt konkluż mal-konvenut kellu jiskadi f'Ġunju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021). Hija għalhekk kitbet lill-konvenut fl-10 ta' Mejju 2021 sabiex tfakkru li jekk huwa kien għadu ma lestix il-proġett tiegħu, kellu jitlob estensjoni taż-żmien u jiġġustifika għaliex kienet qed tintalab din l-estensjoni[12]. Din l-ittra però ma jidhirx li waslet għand il-konvenut[13]. Saru diversi tentattivi biex jiġi mitkellem il-konvenut, u kien tentattiv wieħed biss li rnexxa, u li fih il-konvenut ta lill-impjegat tal-Aġenzija attriċi indirizz elettroniku ħażin[14]. Ġew mitkellma wkoll il-konsulenti li assistew lill-konvenut fl-applikazzjoni tiegħu, li però nfurmaw lill-Aġenzija attriċi li jidher li l-konvenut ma baqax jopera bħala bidwi. Impjegat tal-Aġenzija kellem ukoll lill-missier l-attur li qallu li r-razzett u l-bhejjem kienu nbiegħu[15].

13. B'ittra oħra tal-15 t'Ottubru 2021[16], l-Aġenzija attriċi sejħet lill-konvenut biex iħallas is-somma ta' sitta u ħamsin elf Ewro, rappreżentanti l-għotja mħallsa lilu sa dakinhar, billi huwa kien naqas milli jimplimenta l-proġett tiegħu kif ukoll jikseb iċ-ċertifikazzjoni relattiva sal-iskadenza taż-żmien miftiehem fil-kuntratt. Fl-ittra ingħad ukoll li l-konvenut naqas milli jissottometti talba finali għall-ħlas tal-kumplament tal-għotja. Anki din l-ittra ma tidhirx li waslet għand il-konvenut[17].

14. Fit-12 ta' Jannar 2022, l-Aġenzija attriċi ressqet ittra uffiċċjali kontra l-konvenut. Għalkemm ma ġietx preżentata kopja tar-riferti relattivi għal din l-ittra, jidher li l-konvenut irċeviha tant li wieġeb għaliha permezz tal-avukat tiegħu fit-30 ta' Ġunju 2022[18].

Ikkunsidrat:

15. Illi l-fatti emerġenti mill-provi jsostnu t-talbiet tal-Aġenzija attriċi. Il-kuntratt iffirmat fis-17 ta' Lulju 2019 jgħid bl-aktar mod ċar illi l-konvenut intrabat sabiex jimplimenta l-proġett fi żmien tlieta u għoxrin xahar mill-iffirmar. Fl-artikolu 8(ċ) tal-kuntratt hemm

---

[12] Fol.80.
[13] Fol.82-83.
[14] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Dr. Christopher Mizzi, a fol.216.
[15] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Dr. Christopher Mizzi, a fol.216-217, kif ukoll fol.218-219.
[16] Fol.87.
[17] Fol.86.
[18] Fol.210.

imniżżel illi: «*Il-Benefiċjarju għandu jinnota li n-nuqqas li jaderixxi mal-perijodi ta' żmien indikati fl-iskedi kontraenti ... jista' jirriżulta li l-fondi jiġu rkuprati u/jew diżimpenjati...*». L-obbligu tal-konvenut li jlesti l-proġett li dwaru kien qed jingħata l-għotja saż-żmien miftiehem kien ċar, kif kienet ċara wkoll il-konsegwenza f'każ li dak l-obbligu ma jinżammx. L-artikolu 18 tal-kuntratt fil-fatt jgħid hekk:

> F'każ ta' nuqqasijiet fi kwalunkwe mill-obbligi tiegħu assunti bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, il-Benefiċjarju għandu immedjatament jitlef id-drittijiet kollha li joħorġu minn dan il-Ftehim, u għandu jħallas lura lill-ARPA sa l-ammont totali tal-Għotja rċevuta sa dakinhar bis-saħħa tal-Proġett.
>
> Imgħax jista' jakkumula favur l-ARPA bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-ammont dovut imsemmi sakemm l-Għotja tiġi rimborsata kollha.

16. Iż-żmien li dwaru ntrabat il-konvenut skada u l-provi juru li huwa m'għamilx dak li kellu jagħmel. Għalhekk huwa issa obbligat li jħallas lura dak li ngħata, kif wara kollox intrabat li jagħmel fil-kuntratt imsemmi. L-artikolu 992(1) tal-Kodiċi Ċivili jgħid bl-aktar mod ċar li: «*Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom*». Dan ifisser li l-kuntratt, la darba jkun magħmul bil-mod kif trid il-liġi, jorbot lil min jagħmlu daqs il-liġi nnifisha (ara ***Frank Salt Real Estate Ltd vs. Edward Anthony Ellul Sullivan pro et noe***, Appell Inferjuri, 8 ta' Jannar 2010). Dan ma huwa xejn għajr l-applikazzjoni tal-prinċipju antik *pacta sunt servanda*.

17. L-Aġenzija attriċi titlob ukoll l-imgħax. Il-kuntratt fil-fatt jgħid li fuq l-ammont li jkollu jiġi rifuż mill-konvenut, **jistgħu** jiddekorru l-imgħaxijiet. Fil-fehma ta' din il-Qorti, la d-dekorrenza tal-imgħaxijiet ma ġietx stipulata bħala konsegwenza tassattiva tal-ħolqien tal-obbligazzjoni tal-konvenut li jirrifondi dik il-parti tal-għotja mħallsa lilu, il-kwistjoni tal-imgħax tibqa' regolata mil-liġi ċivili, u mhux mill-kuntratt. Fl-artikolu 1141(2) tal-Kodiċi Ċivili, huwa provdut li fil-każijiet li ma jitrattawx obbligazzjonijiet kummerċjali jew inkella fejn il-liġi ma tipprovdix għall-kors tal-imgħaxijiet *ipso iure*, isegwi li l-imgħax jibda jgħaddi biss mill-ispedizzjoni ta' att ġudizzjarju. Mill-atti rriżulta li l-Aġenzija attriċi bagħtet ittra uffiċċjali lill-konvenut fit-12 ta' Jannar 2022. Għalkemm m'hemmx riferti li juru jekk din waslitx jew le, irriżulta li l-konvenut

wieġeb għaliha, u għalhekk għandu jitqies notifikat (ara f'dan is-sens ***Clement Gauci et vs. JPM Brothers Limited et***, Appell Superjuri, 31 ta' Jannar 2014).

18. Għalhekk it-talbiet tal-Aġenzija attriċi jirriżultaw ippruvati u jistħoqqilhom jintlaqgħu.

19. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tilqa' l-ewwel talba u għalhekk tiddikjara li l-konvenut naqas mill-obbligi kuntrattwali tiegħu ai termini tal-kuntratt li jġib in-numru 20895/205147/2019;

(ii) tilqa' t-tieni talba u għalhekk tiddikjara l-konvenut debitur tal-Aġenzija attriċi fis-somma ta' sitta u ħamsin elf ewro (€56,000), bl-imgħax dekorribbli mit-12 ta' Jannar 2022 sal-jum tal-ħlas effettiv;

(iii) tilqa' t-tielet talba billi tordna u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-Aġenzija attriċi l-ammont ta' sitta u ħamsin elf ewro (€56,000), bl-imgħax dekorribbli mit-12 ta' Jannar 2022 sal-jum tal-ħlas effettiv;

(iv) tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż kollha kif mitlub fir-rikors ġuramentat.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur